

Barra minn dan, ir-rikorrenzi tallega li kemm din id-diskriminazzjoni kif ukoll il-benefiċċju aktar għoli, meta mqabbla mal-benefiċċju mogħti lir-rikorrenzi, mogħti lill-esperti nazzjonali sekondati li huma rġiel u li m'humiex miżżewġa (kemm jekk jgħixu f'konkubinaġġ u kemm jekk le) twassal kemm għall-ksur ta' l-Artikolu 141 KE u tal-prinċipju ta' ħlas indaq bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll tad-Direttiva 2000/78/KE⁽¹⁾ u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

(¹) Id-Direttiva Tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (ĠU L 303, p.16)

Appell imressaq fil-5 ta' Lulju 2007 minn Maddalena Lebedef-Caponi kontra s-sentenza mogħtija fil-25 ta' April 2007 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-71/06, Lebedef-Caponi vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-233/07 P)

(2007/C 211/74)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenzi: Maddalena Lebedef-Caponi (Senningerberg, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu) (rappreżentant: F.Frabetti, avukat)

Il-parti l-oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tal-parti rikorrenzi

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-25 ta' April 2007 fil-kawża F-71/06;
- li jintlaqgħu t-talbiet imressqa mir-rikorrenzi fl-ewwel istanza u, għaldaqstant, li r-rikors fil-kawża F-71/06 jiġi ddikjarat ammissibbli u fondat;
- sussidjarjament, li l-kawża tiġi rrinvijata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku;
- li tingħata deċiżjoni fuq l-ispejjeż u l-onorarji, u li l-Kummissjoni tiġi ordnata tbatihom.

Motivi u argumenti prinċipali

Fl-appell tagħha, ir-rikorrenzi titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tiċħad ir-rikors li permezz tagħha hija talbet l-annullament tar-rapport ta' l-iżvilupp tal-karriera tagħha għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2004.

In sostenn ta' l-appell tagħha, ir-rikorrenzi tgħid li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq diversi żbalji ta' interpretazzjoni u ta' evalwazzjoni tal-fatti li wassluh jiddikjara bħala fondati l-kritiki fil-konfront tar-rikorrenzi fir-REK ikkontestat.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2007 — Koninklijke Grolsch NV vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-234/07)

(2007/C 211/75)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenzi: Koninklijke Grolsch NV (rappreżentanti: M.B.W. Biesheuvel u J.K. de Pree, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenzi

- l-annullament totali jew parzjali tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront ta' Grolsch, u f'kull każ, sa fejn hija indirizzata lil Grolsch;
- l-annullament, jew b'mod sussidjarju, it-tnaqqis tal-multa imposta fuq Grolsch;
- il-kundanna tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sabiex tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenzi tikkontesta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-18 ta' April 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat KE (COMP/B-2/37.766 — Birra Olandiża), (COMP/B-2/37.766 — Suq Olandiż tal-birra) li biha timponi multa fuq ir-rikorrenzi.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenzi tinvoka tliet motivi proċedurali. L-ewwel nett, id-dewmien mhux tas-soltu tal-proċedura ma jirrispettax id-dewmien raġonevoli. It-tieni nett, id-drittijiet tad-difiża ma ġewx irrispettati peress li r-rikorrenzi għet miċħuda mir-risposti tal-partijiet l-oħra fid-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet. It-tielet nett, il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, fosthom il-prinċipju ta' l-attenzjoni li għandha tingħata lill-atti u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza, ma ġewx irrispettati, peress li l-Kummissjoni kellha attitudni parzjali fl-inkjesta, ma ħaditx in-kunsiderazzjoni elementi favur ir-rikorrenzi u limitat ruħa għal evalwazzjoni mhux kompleta jew superfiċjali.